MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 650/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Matthew Spiteri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Matthew Spiteri ta’ 17-il sena iben John Mary u Silvana nee’ Tabone, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Lulju 1993 u residenti 12, JISMIL, Triq il-Kantur, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 299693(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-22 ta’ Mejju 2011 ghal habta ta’ 00.40hrs gewwa z-Zejtun;

Volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara ta' Euro 440 fuq il-Kazin tal-Banda Beland, Zejtun kif ukoll hsara ta' Euro 90 fuq vettura TRI 216 ghad-dannu tas-socjeta' Beland u Alexandra Calafato rispettivament u dan bi ksur ta' Artikolu 325(b) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Mejju 2011 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Gunju 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-eta' zghira tal-imputat u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-vittmi gew rimborsati ghad-danni minnhom sofferti kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iheor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------